# L-Ambaxxaturi Ewropej għall-Kreattività u l-Innovazzjoni

**Manifest**

Id-dinja qiegħda mixja b'ritmu ġdid. Biex tkun fuq ta' quddiem f'din id-dinja l-ġdida, l-Ewropa jeħtiġilha li ssir aktar kreattiva u innovattiva. Li tkun kreattiv tfisser li timmaġina xi ħaġa li ma kinitx teżisti qabel u li tħares għal soluzzjonijiet u forom ġodda. Li tkun innovattiv tfisser li tintroduċi bidla fis-soċjetà u fl-ekonomija. Attivitajiet ta' tfassil jbiddlu l-ideat f'valur u jgħaqqdu l-kreattività mal-innovazzjoni.

Sabiex tagħmel progress, l-Ewropa jeħtiġilha aktar investiment fl-għerf – kemm privat kif ukoll pubbliku. Il-mixja 'l quddiem tal-għerf teħtieġ rispett lill-istorja u l-wirt kulturali. Għerf ġdid jibni fuq għerf storiku u ħafna mill-innovazzjonijiet huma kumbinazzjonijiet ta' dak li diġà hemm. Il-kultura, bir-rispett tagħha għall-memorja individwali u kollettiva, hija importanti biex jinżamm sens ta' direzzjoni fil-kuntest preżenti ta' bidla kontinwa.

Il-kreattività hija dimensjoni fundamentali tal-attività umana. Tirnexxi fejn hemm djalogu bejn il-kulturi, f'ambjent ħieles, miftuħ u divers b'ugwaljanza soċjali u bejn is-sessi. Titlob rispett u protezzjoni legali għar-riżultati tax-xogħol kreattiv u intellettwali. Il-kreattività hija fil-qalba tal-kultura, it-tfassil u l-innovazzjoni, iżda kulħadd għandu d-dritt li juża t-talent kreattiv tiegħu. Aktar minn qatt qabel, il-futur tal-Ewropa jiddependi mill-immaġinazzjoni u l-kreattività tal-poplu tagħha.

Il-kriżijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali jisfidawna biex insibu modi ġodda ta' ħsieb u aġir. Il-kreattività u l-innovazzjoni jistgħu jimxu 'l quddiem lejn il-prosperità iżda s-soċjetà għandha bżonn tassumi r-responsabbiltà ta' kif jintużaw. Illum, għandhom ikunu immobilizzati b'riżq soċjetà ġusta u ħadra, ibbażati fuq djalogu interkulturali u bir-rispett għan-natura u għas-saħħa u l-benessri tal-popli fid-dinja kollha.

Biex noħolqu Ewropa aktar kreattiva u innovattiva, miftuħa għall-bqija tad-dinja u li tirrispetta l-valuri umani, qed nippreżentaw dan il-manifest li jiffissa l-prijoritajiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna għall-azzjoni. Il-bżonn għall-bidla u l-inizjattiva l-ġdida hija urġenti. L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu issa l-attenzjoni sħiħa tagħhom lill-kreattività u l-innovazzjoni sabiex isibu soluzzjoni għall-qagħda staġnata preżenti.

Creativity and Innovation European Year 2009

**Il-Manifest**

**1.** Rawwem il-kreattività f'proċess ta' **tagħlim tul il-ħajja** fejn it-teorija u l-prattika jmorru id f'id.

**2.** Agħmel **l-iskejjel u l-universitajiet** postijiet fejn l-istudenti u l-għalliema jimpenjaw ruħhom fi ħsieb u tagħlim kreattiv permezz tal-prattika.

**3.** Biddel il-**postijiet tax-xogħol** f'siti ta' tagħlim.

**4.** Ippromovi **settur kulturali** b'saħħtu, indipendenti u divers li jkun jista' jsostni djalogu interkulturali.

**5.** Ippromovi r-**riċerka xjentifika** biex tifhem id-dinja, ittejjeb ħajjet in-nies u tistimula l-innovazzjoni.

**6.** Ippromovi l-proċessi ta' **tfassil**, ħsieb u għodda, komprensjoni tal-bżonnijiet, l-emozzjonijiet, l-aspirazzjonijiet u l-abbiltajiet tal-utenti.

**7.** Sostni l-**innovazzjoni tan-negozju** li tikkontribwixxi l-prosperità u s-sostenibilità.

## Linji ta' azzjoni

Il-linji ta' azzjoni li ġejjin jirrikjedu komprensjoni ġdida tal-politika pubblika. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvernijiet nazzjonali għandhom bżonn jimpenjaw rwieħhom flimkien f'bidla mal-imsieħba soċjali u l-movimenti tal-għeruq. Hemm bżonn ta' viżjonijiet u inizjattivi maqsuma li jaqsmu min-naħa għall-oħra l-oqsma tradizzjonali tal-politika sabiex ikunu ttrattati n-nuqqasijiet ekoloġiċi, soċjali, ta' sigurtà u demokratiċi preżenti. Il-fokus fuq il-kreattività u l-innovazzjoni huwa l-muftieħ biex jinfetħu djalogi li jaqsmu min-naħa għall-oħra l-firdiet politiċi storiċi.

### Azzjoni 1: L-investiment fl-għerf

Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, hemm bżonn ta' prinċipji baġitarji ġodda li jagħtu prijorità kbira lill-investimenti fin-nies u l-għerf. Fit-terminu ta' żmien qasir, ħaddiema bla xogħol għandhom ikunu offerti ċans biex itejbu l-ħiliet tagħhom. In-negozju, it-trejdjunjons u l-gvernijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jorganizzaw it-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema permezz ta' finanzjament pubbliku u privat. L-iskala u l-ambizzjoni tal-Fondi Strutturali Ewropej għandhom jitwessgħu, jiġu ffukati fuq l-investiment fir-riċerka u l-għerf u konnessi mal-bini ta' oqsfa istituzzjonali li jappoġġjaw il-ħajja tax-xogħol.

### Azzjoni 2: Oħloq mill-ġdid l-edukazzjoni

L-iskejjel u l-universitajiet jeħtiġilhom ħolqien mill-ġdid fi sħubija mal-għalliema u l-istudenti sabiex l-edukazzjoni tipprepara n-nies għas-soċjetà tat-tagħlim. Ħarreġ mill-ġdid lill-għalliema u impenja lill-ġenituri sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu lejn sistema ta' edukazzjoni li tiżviluppa l-għerf, il-ħiliet u l-attitudnijiet neċessarji għal djalogu interkulturali, ħsieb kritiku, soluzzjoni għall-problemi u proġetti kreattivi. Agħti enfasi qawwija lit-tfassil fl-edukazzjoni f'livelli differenti. Waqqaf sforz ewlieni ta' riċerka u żvilupp fl-Ewropa kollha fuq l-edukazzjoni biex jittejbu l-kwalità u l-kreattività fil-livelli kollha.

### Azzjoni 3: Ippremja lill-inizjattiva

Għandhom jiġu ppremjati nies li jieħdu inizjattivi ġodda fin-negozju, fis-settur pubbliku u fis-soċjetà ċivika. Politiki soċjali jistgħu jikkontribwixxu lill-innovazzjoni bi qsim tar-riskji maċ-ċittadini li jimpenjaw irwieħhom għall-bidla. L-artisti, id-disinjaturi, ix-xjentisti u l-intraprendituri li jikkontribwixxu b'ideat ġodda għandhom jiġu ppremjati. Il-premijiet għall-eċċellenza għandhom ikunu kkumbinati mal-protezzjoni legali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u jsibu bilanċ bejn ħolqien ta' premijiet ġusti u l-promozzjoni tal-qsim tal-għerf.

### Azzjoni 4: Appoġġja l-kultura

L-iżvilupp tal-kapaċità fis-settur kulturali għandu jkun appoġġjat permezz ta' programmi u mekkaniżmi nazzjonali u Ewropej sabiex tkun sostnuta d-diversità kulturali, l-indipendenza u d-djalogu interkulturali. L-industriji kreattivi għandhom ikunu promossi permezz ta' bini ta' pontijiet ġodda bejn l-arti, il-filosofija, ix-xjenza u n-negozju. L-iżvilupp u l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni l-ġodda għandhom ikunu stimulati permezz tat-titjib tal-kwalità tal-kontenut. Għandhom ikunu żviluppati mudelli ġodda ekonomiċi biex jiġu ffinanzjati mezzi ta' komunikazzjoni tal-aħbarijiet diġitali ħielsa, diversi, indipendenti u ta' kwalità għolja.

**Azzjoni 5: Ippromovi l-innovazzjoni**
Hemm bżonn ta' politika ta' innovazzjoni aktar ambizzjuża u usa'. Aktar investiment fix-xjenza, it-teknoloġija u d-disinn għandhom ikunu kkumbinati ma' sforzi biex tiżdied id-domanda għall-għerf. L-intrapriżi għandhom ikunu stimulati biex jgħaqqdu l-għerf xjentifiku mal-għerf ibbażat fuq l-esperjenza. Għandhom ikunu mħeġġin li jkabbru d-diversità fost l-impjegati f'termini ta' ġendru, edukazzjoni u nazzjonalità. L-edukazzjoni tal-inġiniera, tal-manigers u d-disinjaturi għandha tħallat l-edukazzjoni teoretika mal-esperjenza prattika. Il-politika ta' innovazzjoni kif ukoll is-suq tax-xogħol u l-politika tal-edukazzjoni għandha jkollha l-għan li timmobilizza l-utenti u l-impjegati fi proċessi ta' bidla. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' politka ta' innovazzjoni wiesgħa għandhom ikunu tħassib ewlieni tal-mexxejja politiċi.

**Azzjoni 6: Aħseb globalment**
L-Ewropa għandha tkun fuq quddiem tad-dinja kollha f'termini ta' xjenza, kultura u kompetittività. Il-kollaborazzjoni fl-Ewropa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-edukazzjoni, id-disinn u l-kultura għandha bżonn li tinfetaħ aktar lill-bqija tad-dinja. Ewropa kompetittiva għandha tiżviluppa kollaborazzjoni ekonomika kemm mal-ekonomiji emerġenti l-ġodda qawwija kif ukoll mal-pajjiżi l-fqar l-aktar fil-bżonn tal-appoġġ. Il-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-pajjiżi l-fqar hija obbligu morali u tnaqqas il-pressjoni tal-immigrazzjoni. L-Ewropa għandha tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' regoli ġusti li jirrigwardaw il-protezzjoni u l-qsim tal-għerf f'livell globali.

**Azzjoni 7: L-ekonomija hija ħadra**
L-Ewropa għandha timmobilizza l-kreattività u l-innovazzjoni biex tinbidel f'soċjetà postkarbonika. Element ewlieni huwa l-ekoinnovazzjoni u t-twaqqif ta' 'trajettorja teknoekonomika ġdida' li tibda mis-soluzzjonijiet tat-tarf, tibqa' mixja tul 'it-teknoloġiji l-ħodor' u tispiċċa 'bl-innovazzjonijiet tas-sistema' li radikalment ibiddlu l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum. Hemm bżonn li l-investimenti jingħaqdu mal-istituzzjonijiet il-ġodda, mar-regolamentazzjoni ġdida u mad-drawwiet il-ġodda. Il-kreattività hija għodda ewlenija biex issib is-soluzzjonijiet li jgħaqqdu s-sostenibilità u l-prosperità.

Il-personalitajiet prominenti msemmija hawn taħt qablu li jkunu Ambaxxaturi għas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni 2009. Għadd minnhom iltaqgħu diversi drabi matul is-sena u fasslu dan il-Manifest għal Ewropa aktar kreattività u innovattiva.



**Ferran Adrià Acosta**

Chef kreattiv



**Esko Tapani Aho**

Il-Viċi President Eżekuttiv, Nokia



**Karlheinz Brandenburg**

Professur, riċerkatur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni



**Jean-Philippe Courtois**

President, Microsoft International



**Edward de Bono**

Awtur u kelliem internazzjonali dwar il-kreattività u l-ħsieb laterali



**Anne Teresa de Keersmaeker**

Koreografa taż-żfin



**Ján Ďurovčík**

Koreografu taż-żfin



**Richard Florida**

Awtur, professur, ekonomista



**Jack Martin Händler**

Surmast tal-mużika



**Antonín Holý**

Professur, kimiku



**Remment Lucas Koolhaas**

Professur, arkitett, pjanifikatur tal-ibliet



**Damini Kumar**

Disinjatriċi u inventriċi



**Dominique Langevin**

Professur, fiżiku



**Rita Levi-Montalcini**

Rebbieħa tal-Premju Nobel, professur, newrologu



**Áron Losonczi**

Arkitett u inventur



**Bengt-Åke Lundvall**

Professur, riċerkatur dwar l-innovazzjoni



**Javier Mariscal**

Disinjatir



**Radu Mihăileanu**

Direttur tal-films



**Leonel Moura**

Artist konċettwali



**Blanka Říhová**

Professur, mikrobijologu



**Ken Robinson**

Professur, awtur dwar il-kreattività u l-innovazzjoni



**Ernő Rubik**

Professur, arkitett, disinjatur



**Jordi Savall i Bernadet**

Mużiċista, professur



**Erik Spiekermann**

Professur, disinjatur tat-tipografija



**Philippe Starck**

Kreatur, direttur artistiku, disinjatur



**Christine van Broeckhoven**

Professur, newroxjentista molekulari



**Harriet Wallberg-Henriksson**

Professur, president, Karolinska Institutet